**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 212**
**L-Erbgħa, 28 ta' Frar, 2024 fl-4:00 p.m.**

**PERSUNI B’DIŻABILTÀ – PERMESSI GĦALL-PARKING**

**14141. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11980, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, u jgħid x’kien in-numru ta’ permessi għall-parking għal persuni b’diżabilità quddiem djar residenzjali sena b’sena, fl-aħħar għaxar snin?

07/12/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill- Onor. Interpellant li l-informazzjoni li għandha Transport Malta tkopri numru ta’ permessi għall-parking għal persuni b’diżabilità f'diversi toroq u pjazez mal-lokalitajiet kollha ta’ Malta u Għawdex u għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellant jkun iktar speċifiku x’jrid ifisser b’permerssi għall-parking għal persuni b’diżabilità quddiem djar residenzjali.

Seduta 212
28/02/2024

**AVVIŻ LILL-BAĦĦARA**

**14143. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl tal-co-ordinates li ngħataw fl-Avviż lill-Baħħara, jista' l-Ministru jgħid jekk jikkonsidrax li l-ammont żgħir ta' daqs tas-siti ta' konservazzjoni msemmija f’dawn l-Avviżi jippermettux li jservu ta' nurseries għal ħut peress li dawn huma ta' importanza kbira li ma jippermettux ħsad u disturb minn ħoss ta' inġenji tal-baħar b'mod ripetut, sabiex wara l-ħut jinfirex fl-inħawi ’l barra minnhom u jippreservaw is-sostenibbiltà fis-sajd?

07/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-co-ordinates li ngħataw fl-Avviż lill-Baħħara, ġew deċiżi f’bilanċ bejn is-sostenibilita’ tas-siti msemmija, inkluż il-potenzjal ta’ artificial reefs, l-għixien tas-sajjieda professjonali u l-familji tagħhom, kif ukoll il-passatemp tad-dilettanti tal-baħar.

Seduta 212
28/02/2024

**BAJJA TAL-ĠNEJNA – ENFORCEMENT NOTICES FUQ BOATHOUSES**

**14198. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu enforcement notices fuq boathouses mibnija illegalment fil-Bajja tal-Ġnejna f’dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b’sena?

11/12/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul dawn l-aħħar games snin, fil-Bajja tal-Ġnejna nħareġ Avviż ta’ Infurzar wieħed. In-numru ta’ referenza dan il-każ huwa EC/105/23 li jispeċifika: Għandek żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn tħammil ta’ materjal u livellar tal-art biex ġiet iffurmata kamra tax-xtajta fuq sit skedat skont Notifikazzjoni tal-Gvern bin-numru 400/96.Dan l-Avviż ta’ Infurzar huwa soġġett għal multa kuljum skont LS 552.24, Regolament 3, Kategorija C.

Seduta 212
28/02/2024

**PILOT PROJECT REPORT - TERAPIJA FL-AWTIŻMU**

**14199. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pilot project report dwar terapija fl-awtiżmu provduta minn Hand-in-Hand li kien sar fl-2018?

11/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat

Seduta 212
28/02/2024

**PROPRJETÀ MGĦODDIJA MILL-KNISJA LILL-ISTAT**

**14210. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11201 u 12018 li oriġinarjament saru lill-Prim Ministru u lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli rispettivament u jgħid meta bdew in-negozjati bejn il-Gvern u s-Santa Sede dwar ftehim ġdid li jirregola l-proprjetà immobbli li l-Knisja Kattolika għaddiet lill-Istat Malti fl-1991? Jista' jgħid ukoll fiex waslu dawn in-negozjati?

11/12/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li kienet ingħatat għall-mistoqsija parlamentari 13423.

Seduta 212
28/02/2024

**BAJJA TAL-ĠNEJNA – KAŻ TA' INDIVIDWU**

**14211. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-boathouse li fl-aħħar sentejn inbniet fil-Bajja tal-Ġnejna mill-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, kenitx koperta minn permessi tal-Awtorità għall-Ippjanar, u jekk le ħaditx xi azzjoni ta' infurzar?

12/12/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-boathouse li qed isir referenza għaliha - li nbniet matul dawn l-aħħar sentejn fil-Bajja tal-Ġnejna - hi koperta b'Avviz ta' Infurzar; stante li ma kien hemm l-ebda permess biex tinbena. Referenza ta' dan il-kaz huwa EC105/23 - Għandek żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn tħammil ta' materjal u livellar tal-art biex ġiet iffurmata kamra tax-xtajta fuq sit skedat skont Notifikazzjoni tal-Gvern bin-numru 400/96. Dan l-Avviż ta' Infurzar huwa suġġett għal multa kuljum skont LS552.24, Regolament 3, Kategorija C.

Seduta 212
28/02/2024

**CUSTOMER CARE TAS-SERVIZZI TAS-SAĦĦA MENTALI – ILMENTI RIŻOLTI**

**14928. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-ilmenti li daħlu fuq il-Customer Care tas-servizzi tas-Saħħa Mentali li jista' jiġi kkuntattjat fuq 2330 4444, ġew riżolti f'persentaġġi?

16/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li ġew riżolti 98.7% tal-ilmenti li daħlu fuq il-Customer Care tas-servizzi tas-Saħħa Mentali li jista' jiġi kkuntattjat fuq 2330 4444.

Seduta 212
28/02/2024

**CUSTOMER CARE TAS-SERVIZZI TAS-SAĦĦA MENTALI – ILMENTI**

**14929. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid liema lmenti jiġu ttrattati mill-Customer Care tas-servizzi tas-Saħħa Mentali li jista' jiġi kkuntattjat fuq 2330 4444 u liema lmenti jiġu ttrattati mill-Kummissarju għas-Saħħa Mentali?

16/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li li l-Customer Care tas-Servizzi tas-Saħħa Mentali jittratta lmenti varji fosthom:

- Talba għall-bidla tal-Konsulent kuranti
- Talba għall-bidla fit-Trattament

- Imġieba ta' pazjenti
- Kwistjonijiet Kliniċi
- Appuntamenti
- Talba għal rekords Mediċi
- Talbiet varji għall-informazzjoni

Infurmat ukoll li l-uffiċċju tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali jindirizza lmenti li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tal-persuni bi problemi ta'saħħa mentali, kif elenkati fl-istess Att tas-Saħħa Mentali Kap 525.

Seduta 212
28/02/2024

**ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA - KRITERJI**

**14930. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji li fuqhom persuna tingħata Ġieħ ir-Repubblika u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-proċedura u xi scoring sheets li jintużaw f'dan ir-rigward?

16/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-kandidati għal unuri u dekorazzjonijiet stabbiliti permezz tal-Att dwar Ġieh ir-Repubblika (Kap. 251) jiġu proposti mill-Kumitat tan-Nomini mwaqqaf skont artikolu (18) tal-istess liġi.

Seduta 212
28/02/2024

**FTEHIM BEJN IL-GVERN TA' MALTA U L-AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA**

**14931. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11891 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti li hemm li jirregolaw il-ftehim bejn il-Gvern u l-American University of Malta (AUM) ġaladarba l-art li qed tokkupa din l-Università hija art pubblika? Jista' jgħid ukoll kemm hemm studenti rreġistrati bħalissa fl-AUM?

16/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel il-mistoqsija lill Ministeru kkonċernat, nirreferiha ukoll għal-mozzjoni nru 59 ta' dan il-Parlament.

Seduta 212
28/02/2024

**MONUMENT LIL DAPHNE CARUANA GALIZIA**

**14932. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid meta ser jibdew it-taħdidiet mal-familja ta' Daphne Caruana Galizia biex isir monument għal din il-ġurnalista Maltija, assassinata u ta' fama dinjija? Jista' jgħid ukoll:
a. Fejn ser isir dan il-monument?
b. Meta ser jinbeda x-xogħol fuq dan il-monument?
ċ. Min ser ikun l-artist/a?
d. Meta ser jiġi inawgurat?

16/01/2024
**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor..Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11200.

Seduta 212
28/02/2024

**KARIN GRECH U RAYMOND CARUANA - INKJESTI PUBBLIĊI**

**14933. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux pjanijiet biex jibda inkjesti pubbliċi separati fuq il-qtil ta' Karin Grech u Raymond Caruana biex il-pajjiż ikun jista' jibda jagħmel rikonċiljazzjoni ma' din il-memorja kollettiva trawmatika u jiġu stabbiliti miti u fatti?

16/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tweġiba tingħata f'seduta oħra.
Seduta 212
28/02/2024

**FASTIDJU SESSWALI - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**15083. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' fastidju sesswali fis-sena 2021? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

17/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 212
28/02/2024

**FASTIDJU SESSWALI - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**15084. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' fastidju sesswali fis-sena 2020? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

17/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 212
28/02/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**15085. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' vjolenza domestika fis-sena 2023? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

17/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 212
28/02/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**15086. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' vjolenza domestika fis-sena 2022? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

17/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 212
28/02/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**15087. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' vjolenza domestika fis-sena 2021? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

17/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 212
28/02/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**15088. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' vjolenza domestika fis-sena 2020? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

17/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 212
28/02/2024

**PROĠETT 'ONE TABLET PER FISHER'**

**15701. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid fiex kien jikkonsisti l-proġett tal-'One Tablet Per Fisher'? Min kien ser ikun intitolat għal dawn it-tablets u x'kien l-iskop aħħari li s-sajjieda, jew xi wħud minnhom, kienu ser jingħataw dawn it-tablets? Kemm inxtraw tablets biex jiġi implimentat dan il-proġett u kemm swew flus? Jista' jgħid kif inxtraw dawn it-tablets, jekk hux b'direct order, quotation jew tender? Min ipprovda dawn it-tablets? Kemm minn dawn it-tablets ingħataw lis-sajjieda u x'sar minnhom it-tablets li ma tqassmux lis-sajjieda?

26/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tablets ser ikunu qed jitqassmu lil kull bastiment taħt it-12 il-metru, reġistrat bħala MFA u MFB. L-għan ta' dan il-proġett huwa biex b'mod gradwali ssir it-transizzjoni mir-rappurtaġġ u l-liċenzji fuq il-karti għal dawk digitali, kif rikjest u mitlub mir-regolament il-ġdid tal-Kontroll tal-Unjoni Ewropea, li ġie addotatt fl-2023. Fl-istess ħin, permezz ta' dawn it-tablets, id-Dipartiment għas-Sajd u l-Akwakultura, ser ikun f'pożizzjoni li iżjed 'il quddiem, jipprovdi servizzi addizzjonali lill-istess sajjieda mill-kumdita' ta' djrahom jew tal-bastimenti tagħhom. Il-proċess tat-tqassim qiegħed għaddej u mistenni li jitlesta fix-xhur li ġejjin. Dawn it-tablets inxtraw permezz ta' tender li ntrebaħ mill-kumpanija Satlink A.S. u ġie jiswa €264,960.00 vat eskluża. B'dan it-tender ġew akkwistati 720 tablet, li ġew iffinanzjati mill-programm EMFF tal-Unjoni Ewropea.

Seduta 212
28/02/2024

**QAJJENZA U BIRŻEBBUĠA – SPAZJU MIFTUĦ**

**15702. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14766, tista' l-Ministru sserraħ ras ir-residenti ta' Birżebbuġa u l-Qajjenza li l-art ta' kobor sostanzjali fil-Qajjenza fejn qabel kien lokat il-Gas Depot u li llum hi proprjetà tal-Enemalta, ser tingħata għat-tgawdija tar-residenti tal-istess residenti f'forma ta' spazju miftuħ?

26/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13055, infakkru li l-akbar serħan il-moħħ lir-residenti ta' Birżebbuġa u dawk tal-madwar tajnihulhom mhux biss bl-għeluq tal-impjant tal-ħażna tal-gass, imma wkoll bit-tneħħija ta' impjanti oħrajn li kien hemm fil-lokalità u li fihom kien jinħażen il-fjuwil inkluż il-Heavy Fuel Oil. L-investiment li għamilna biex ingħalqu dawn l-impjanti fih innifsu diġà huwa investiment f'ambjent aħjar u arja aktar nadifa f'din il-lokalità, imma aktar minn hekk huwa investiment fis-saħħa u s-sigurtà tal-familji.

Bl-għeluq tal-impjant tal-ħażna tal-fjuwil tal-31 ta' Marzu, li kien ilu 120 sena f'Birżebbuġa, lir-residenti frankajnilhom mal-4.5 tunnellati ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-sena.

Fl-istess waqt, għaddejjin bil-ħidma tagħna biex nagħtu aktar art lura lill-komunità ta' Birżebbuġa. B'investiment ta' €4 miljun, il-pont ta' Birżebbuġa li kien jifforma parti mill-istess impjant magħruf aħjar bħala l-Pont tax-Shell, se jingħata lura għat-tgawdija tar-residenti.

L-Awtorità għall-Ippjanar għadha kemm approvat ukoll il-permess għad-dekummissjonar tal-impjant ta' San Luċjan, bil-għan li jibdew jinħatu t-tankijiet u jsir tindif tal-faċilità li kienet tintuża għall-ħażna tal-Heavy Fuel Oil. Issa li ħareġ il-permess, il-kumpanija Petromal se tkun qed toħroġ sejħa bil-għan li t-tankijiet ikunu mħottija sal-aħħar ta' din is-sena.

Dan il-proċess huwa parti mill-pjanijiet għall-proġett tas-Siċċa. Se nagħmlu investiment ta' €40 miljun biex flok impjant għall-ħażna taż-żejt fin-naħa t'isfel ta' Malta jkun hemm proġett sostenibbli ta' 18,000 metru kwadru li se jagħti nifs ġdid lill-akwati, b'hub li jgħaqqad spazji ta' rikreazzjoni ma' investimenti fl-ekonomija l-ħadra u l-blu.

Filwaqt li min-naħa ta' Project Green għaddej ukoll il-proċess għar-riġenerazzjoni ta' Ġnien l-Indipendenza f'Birżebbuġa kif ukoll biex inkomplu nkabbru u nsebbħu l-Park tal-Familja ta' Bengħajsa. Park li se jkopri medda art ta' 60,000 metru kwadru u fih se nkomplu nżidu l-faċilitajiet u aċċessi ġodda sabiex dan l-ispazju joffri esperjenza dejjem aktar sabiħa lill-familji fejn iqattgħu ħin ta' rikreazzjoni.

Seduta 212
28/02/2024

**IŻ-ŻURRIEQ – PROĠETT TA' SPAZJU MIFTUĦ FI PJAZZA KARMELITANI**

**15703. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14758, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra s-segwenti informazzjoni fir-rigward tal-proġett ta' spazju miftuħ li ser jiġi eżegwit fi Pjazza tal-Karmelitani fiż-Żurrieq:
(a) l-istima tal-proġett;
(b) il-pjanti tal-proġett; u
(ċ) il-photo montages / 3D Visuals ta' dan il-proġett?

26/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-investiment biex isr dan il-proġett fiż-Żurrieq huwa stmat li se jammonta għal €486,889u dan qiegħed fil-proċess ta' DNO.

Seduta 212
28/02/2024

**L-IMQABBA - SPAZJI MIFTUĦA**

**15704. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijia parlamentari 14759 fir-rigward ta' proġetti ta' spazji miftuħa fl-Imqabba, tista' l-Ministru tgħid fiex jikkonsistu dawn il-proġetti u fejn ser isiru?

26/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Bħalma diġà spjegajt fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14759, id-dettalji dwar dak li qed jiġi kkunsidrat għal din il-lokalità jkunu jistgħu jingħataw ladaraba jiġi konkluż ix-xogħol tal-ippjanar.

Seduta 212
28/02/2024

**IŻ-ŻURRIEQ U ĦAL SAFI – NEW WATER - NETWORK TAD-DISTRIBUZZJONI**

**15705. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14760, fir-rigward ta' toroq li fihom ser jgħaddi in-network tan-New Water fiż-Żurrieq u Ħal Safi, tista' l-Ministru tgħid:
(a) Liema toroq ingħatalhom wiċċ ta' tarmak ġdid u kemm ilu li ngħata dan it-tarmak;
(b) X'inhi r-raġuni li n-network tad-distribuzzjoni tan-new water ma ġiex mgħoddi minn taħt il-wiċċ tat-triq qabel ma ngħatat it-tarmak; u
(ċ) Xi spejjeż żejda ser ikunu involuti biex jerġa' jsir il-wiċċ tat-tarmak mill-ġdid hekk kif jiġi mogħddi n-network tad-distribuzzjoni tan-new water?

26/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Kif diġà spjegat fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14760, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma applikat għall-fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex tkun tista' twettaq il-proġett tan-New Water fil-Lbiċ ta' Malta. Għaldaqstant, il-Korporazzjoni ma setax ikollha viżibbiltà ta' meta jkun jista' jinbeda x-xogħol ta' dan il-proġett qabel ma jkollha aċċess għal dawn il-fondi. Fejn jidħlu spejjeż għall-għoti ta' tarmak, bħal f'kull proġett ieħor, dawn ikunu jiffurmaw parti mill-baġit allokat għal tali xogħol li jkun qed jitwettaq.

Seduta 212
28/02/2024

**WIED IŻ-ŻURRIEQ U GĦAR LAPSI – PARK ĠEOLOĠIKU**

**15706. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14757, tista' l-Ministru tgħid liema żoni tal-kosta ta' Wied iż-Żurrieq u Għar Lapsi ser ikun qiegħed ikopri l-park ġeoloġiku u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra 'site plan' li tindika dawn iż-żoni?
Tista' tgħid ukoll:
(a) Fiex waslu l-istudji biex jigi stabbilit l-istat preżenti taż-żona u meta dawn l-istudji ser ikunu lesti;
(b) Fiex ser ikunu jikkonsistu l-interventi meħtieġa biex jinħoloq dan il-park ġeoloġiku;
(ċ) X'kobor ta' art ser tkun affettwata bl-interventi proposti;
(d) Min qed jipprepara dawn l-istudji, permezz ta' kollaborazzjoni ma' kunsilli lokali, jekk hux minn impjegati ta' Project Green jew minn kumpanija/i privata/i; u
(e) F'każ li x-xogħol ġie kkumissjonat lil kumpanija/i privata/i, dan sar permess ta' direct order jew ta' tender?

26/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12826, inżid ninfurmah li l-istudju għadu għaddej mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Seduta 212
28/02/2024

**SPTAR MATER DEI - PERSUNI TAĦT L-INFLUWENZA TAL-ALKOĦOL U/JEW DROGA LI DAĦLU FL-EMERĠENZA**

**15966. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14899 dwar in-numru ta' attendenzi li daħlu fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei taħt l-influwenza tal-alkoħol u/jew droga, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istess informazzjoni għal kull Diċembru bejn l-2013 u l-2022?

02/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 212
28/02/2024

**NAXXAR – XOGĦLIJIET - DISTRIBUZZJONI TAL-ELETTRIKU**

**15967. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk ix-xogħlijiet fi Triq il-Fortizza tal-Mosta u Triq E. Bradford fin-Naxxar humiex marbuta max-xogħlijiet tal-Enemalta u d-distribuzzjoni tal-elettriku? Tista' tgħid ukoll, liema huma t-toroq kollha li se jiġu affettwati minn xogħlijiet marbuta mad-distribuzzjoni tal-elettriku fin-Naxxar?

02/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li x-xogħol li qed tirreferi għalih huwa parti mix-xogħlijiet li qegħdin isiru mill-Enemalta b'rabta mal-iżvilupp taċ-ċentru tad-distribuzzjoni ġdid, li minnu se jinħarġu 9 feeders ġodda biex inkomplu nsaħħu d-distribuzzjoni tal-elettriku mhux biss fin-Naxxar imma anke fil-lokalitajiet tal-madwar. Enemalta diġà poġġiet aktar minn 18-il kilometru mit-30 kilometru ta' cables meħtieġa biex jissuplixxu dan iċ-ċentru tad-distribuzzjoni u biex iwassal l-elettriku f'diversi substations fin-Naxxar, il-Mosta, Ħal Għargħur u żoni oħra fil-qrib.

Seduta 212
28/02/2024

**MOSTA - DISTRIBUZZJONI TAL-ELETTRIKU – TOROQ AFFETTWATI**

**15968. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema huma t-toroq kollha li se jiġu affettwati minn xogħlijiet marbuta mad-distribuzzjoni tal-elettriku fil-Mosta?

02/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15723.

Seduta 212
28/02/2024

**NAXXAR U MOSTA – XOGĦLIJIET – TRAFFIC MANAGEMENT**

**15969. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan ta' Traffic Management marbut max-xogħlijiet li se jkunu qed isiru fit-toroq tan-Naxxar u l-Mosta minħabba d-distribuzzjoni tal-elettriku?

02/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-permessi għax-xogħlijiet relatati mad-distribuzzjoni tal-Enemalta ħarġu bil-kundizzjonijiet tat-Traffic Management Standard.

Seduta 212
28/02/2024

**NAXXAR - TRIQ LELI FALZON - XOGĦLIJIET - DEWMIEN**

**15970. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'wassal biex ix-xogħol fuq Triq Leli Falzon fin-Naxxar, immexxi minn Infrastructure Malta issa ilu għaddej għal aktar minn sena?

02/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq Leli Falzon fin-Naxxar kienu jinvolvu kordinazzjoni bejn diversi entitajiet, inkluż il-Kunsill Lokali li provda tibdil tad-disinn taż-żona msemmija; mal-Korpororazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, u l-Enemalta. Ix-xogħol inkluda tħaffir ta' trinka u tibdil tal-main tad-drenaġġ u t-tappieri; trinek tas-servizzi tal-ilma fuq iż-żewġ naħat fil-konnessjonijiet għad-djar u tibdil ta' bankini fuq żewġ naħat. Fuq talba tal-Kunsilli Lokali, sar tibdil fil-wesgħat tal-bankini, xogħlijiet ta' tqegħid ta' servizzi relatati mad-dawl taż-zebra crossings u żoni ta' planters bil-ħamrija għat-tħawwil propost.

Seduta 212
28/02/2024

**MALTA EUROVISION SONG CONTEST 2024 - NEFQA**

**16006. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie jiswa l-Malta Eurovision Song Contest 2024? Jista' jagħti rendikont dettaljat ta' kif intefqu l-flus mill-Public Broadcasting Services, liema xogħol sar mill-ħaddiema tal-PBS u liema minn kuntratturi? Jista' jgħid ukoll liema nefqa saret wara sejħa pubblika u liema minn direct order?

05/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-PBS illi l-informazzjoni mitluba hija kummerċjalment sensittiva.

Nirrimarka li din hi linja ta' tweġibiet li ġiet ġustament adopterata taħt iż-żewġ gvernijiet - ara pereżempju t-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18023 tal-Leġiżlatura XI.

Seduta 212
28/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - ĦADDIEMA**

**16044. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu full-time jew part-time mal-Ministeru tiegħu b'kuntratt jew bħala persons of trust jew advisers jew experts li għandhom:

i. 'l fuq minn 65 sena;
ii. 'l fuq minn 70 sena; u
iii. 'l fuq minn 80 sena?

Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont l-etajiet indikati?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub jinsab fit-tabella ta' hawn taħt.

| | **Full-Time** | **Part-Time** |
|---|---|---|
| 'l fuq minn 65 sena | NIL | NIL |
| 'l fuq minn 70 sena | 1 | NIL |
| 'l fuq minn 80 sena | NIL | NIL |

Seduta 212
28/02/2024

**ĦAL TARXIEN - TRIQ IL-KURUNEL MAS - XOGĦLIJIET**

**16106. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq il-Kurunel Mas ġewwa Ħal Tarxien hijiex ser tiġi msewwija u magħmula lura f'kundizzjoni tajba billi hija triq frekwentata ħafna?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Triq il-KurunelMasshija fost il-lista ta' toroq li l-Kunsill Lokali ta' Hal Tarxien ppropona lil Infrastructure Malta biex twettaq xogħlijiet fihom. Ix-xogħolijiet jikkonsisti f'bini tat-triq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa.

Seduta 212
28/02/2024

**ĦAL TARXIEN - TRIQ IL-KURUNEL MAS - XOGĦLIJIET**

**16107. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq il-Kurunel Mas ġewwa Ħal Tarxien hijiex ser tiġi msewwija u magħmula lura f'kundizzjoni tajba billi hija triq frekwentata ħafna?

06/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 212
28/02/2024

**ĦAL TARXIEN – TRIQ ID-DEJMA - XOGĦLIJIET**

**16108. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk tul din is-sena hijiex ser tkun lesta l-aħħar parti ta' Triq id-Dejma Ħal Tarxien dik fid-direzzjoni tal-Fgura?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta m'għandhiex ippjanat xogħlijiet infrastrutturali fl-immedjat fi Triq id-Dejma Ħal Tarxien.

Seduta 212
28/02/2024

**ĦAL TARXIEN – TRIQ ID-DEJMA - XOGĦLIJIET**

**16109. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk tul din is-sena hijiex ser tkun lesta l-aħħar parti ta' Triq id-Dejma Ħal Tarxien dik fid-direzzjoni tal-Fgura?

06/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 212
28/02/2024

**GĦAWDEX - MALTA ENTERPRISE - PROGRAMMI TA' PROMOZZJONI TA' INVESTIMENT DIRETT BARRANI**

**16279. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Malta Enterprise bejn is-sena 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, implimentatx xi programm ta' promozzjoni tal-investiment dirett barrani f'Għawdex biex b'hekk jiġu attirati proġetti li mhumiex imfixkla mil-limitazzjoniet tal-gżira u jekk iva, fiex kienu jikkonsistu?

07/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-isforzi promozzjonali mwettqa mill-Malta Enterprise jsiru għal Malta u Għawdex kollha u l-mod kif issir il-promozzjoni tkun maħsuba għall-kumpaniji speċifiċi li Malta Enterprise tkun qed titkellem magħhom. Il-messaġġ imwassal huwa dwar il-potenzjal li jsir negozju fil-gżejjer Maltin.

Dan iseħħ fl-interazzjonijiet kollha li l-ME għandha ma' investimenti potenzjali. Dan il-messaġġ huwa pproġettat ukoll fl-avvenimenti internazzjonali kollha li tattendi l-Malta Enterprise u fl-avvenimenti li torganizza il-Malta Enteprise.

Meta investiment ikun ser jibda l-operat tiegħu mill-gzejjer Maltin, l-investitur jiġi nfurmat b'dak li għandhom x'joffru Malta, u b'mod partikolari Għawdex u l-assistenza finanzjarja mogħtija jekk jibda jopera minn Għawdex li hija vantaġġjuża minn dik li noffru għall-bqija tal-pajjiż.

Seduta 212
28/02/2024

**GĦAWDEX - AMMONT TOTALI TA' INVESTIMENT BARRANI DIRETT**

**16280. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont totali ta' investiment barrani dirett f'Għawdex fl-aħħar ta' kull sena, mis-sena 2017 sas-sena 2023?

07/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li f fl-ahhar snin il-Malta Enterprise kompliet tiffoka fuq li tattira investiment lejn Malta u Għawdex.

F'dawn l-aħħar snin, il-Malta Enterprise rat numru ta' proġetti ta' investiment lokali u barrani li beda u kompla jikber f'Għawdex f'setturi li jinkludu maniffatura u teknoloġija. L-Ammont totali ta' investiment huwa ta' aktar minn €2,000,000 li jinkludu l-ammont ta' investiment barrani ġewwa Għawdex minn kumpaniji li talbu assistenza mill-Malta Enterprise.

Għalhekk, dawn il-figuri ma jinkludux investiment ieħor barrani u espansjonijiet li ma kellhomx bżonn assistenza mill-Malta Enterprise u / jew jaqaw f'setturi li jiġu megħjuna minn entitatjiet oħra.

Seduta 212
28/02/2024

**GĦAWDEX – TOROQ LI JRIDU JSIRU MILL-ĠDID**

**16281. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk baqax toroq f'Għawdex li jridu jsiru mill-ġdid u jekk iva, kemm baqa' u f'liema raħal jinsabu u jagħti l-isem tat-triq, kif ukoll kemm huwa stmat li se jiswew ix-xogħlijet pendenti fuq dawn it-toroq u meta hu maħsub li jsiru u jitlestew?

07/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentament għaddej ix-xogħol fuq Triq ta' Wara s-Sur fir-Rabat, Triq Għajn Tuta Kerċem u Triq Ħamri, Għajnsielem, u triq it-28 t'April 1688, Qala. Fil-ġimgħat li ġejjin inkunu qed jitħabbru wkoll aktar xogħlijiet fuq toroq oħra.

Seduta 212
28/02/2024

**GĦAWDEX - MALTA ENTERPRISE - INVESTIMENT DIRETT BARRANI**

**16282. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid x'investiment dirett barrani, adattat għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' Għawdex, qed tippromwovi l-Malta Enterprise minbarra dak tas-settur mediku u tas-saħħa?

07/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellent li x-xogħol li jsir biex jiġi attirat investiment dirett barrani ġewwa Għawdex huwa wieħed ħolistiku u s-settur mediku u tas-saħħa huma biss żewġ setturi minn bosta oħra li l-Malta Enterprise tattira. Fl-aħħar snin, kien hemm aktar iffukar biex jiġu attirati proġetti ta' teknoloġija avvanzata lejn Għawdex.

Fl-Istess ħin ukoll qed naraw anke kumpaniji b'investiment barrani f'Għawdex li qed jespandu b'operat diversfikat. Dawn il-proġetti mhumiex neċessarjament limitati għal qasam teknoloġiku wieħed.

Hemm ukoll sforzi speċifiċi biex Għawdex jiġi stabbilit bħala testing bed għal proġetti innovattivi.

Seduta 212
28/02/2024

**QORTI KOSTITUZZJONALI - ARTIKOLU 39**

**16283. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għal diversi mistoqsijiet li saru fil-passat dwar kawżi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minħabba allegat non-konformi mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjonu da parti tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) u tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) meta dawn l-awtoritajiet pubbliċi imponew penalitajiet sostanzjali, jista' l-Ministru:

(a) jagħti rendikont ta' kull kawża li saret tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-pendenzi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali?
(b) jgħid jekk s'issa ġewx finalment deċizi xi appelli li saru quddiem l-istess Qorti Kostituzzjonali minn xi deċiżjoni tal-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) f'dak ir-rigward, u jekk ġew deċiżi xi appelli, liema kienu u x'kien l-eżitu?

07/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-MFSA, ma hemm l-ebda kawża pendenti f'dan ir-rigward kontra l-Awtorità quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.
Rigward l-FIAU, il-korp, flimkien mal-Avukat tal-Istat, preżentament għandu ħames (5) kawżi pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Kull kawża hija appell minn deċizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali). Is-segwenti huwa rendikont tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward ta' kull kawża hawn fuq imsemmija:

| **Referenza** | **Numru ta' Seduti** | **Skop tas-seduta li jmiss** |
|---|---|---|
| 51/2022/2MC | 2 | Għat-trattazzjoni dwar it-talba għal referenza quddiem il-Qorti Ewropea. |
| 300/2022/2MC | 2 | Għall-kontinwazzjoni in segwitu l-ezitu tat-trattazjoni hekk indikata fl-iskop tal-appell kostituzzjonali 51/2022/2 suċitat. |
| 11/2022/1MC | 0 | Primo Appuntamento |
| 175/2021/2MC | 0 | Għadha mhux appuntata |
| 394/2021/1MC | 0 | Għadha mhux appuntata |

Sal-ġurnata ta' din ir-risposta, l-ebda appell li sar quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minn xi deċiżjoni tal-Prim Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ma għadu ġie deċiż.

Seduta 212
28/02/2024

**GĦAWDEX – SPTAR ĠENERALI – TIBDILIET FIT-TMEXXIJA**

**16284. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fiex ser ikunu jikkonsistu t-tibdiliet fit-tmexxija li hemm ippjanati li jsiru fil-ġimgħat li ġejjin ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex?

07/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li mit-8 ta' Frar 2024, id-Direttur Ġenerali Sa Carmen Ogilive-Galea bdiet tmexxi tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u ser tkun tirrispondi lis-Segretarju Permanenti tas-Saħħa, is-Sur Joseph Chetcuti.

Seduta 212
28/02/2024

**XATT TAL-KALKARA – PROĠETT**

**16304. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15499 u 15817 li oriġinarjament saru lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi u lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u ċjoè: Minkejja d-diversi wegħdiet tal-Gvern li l-proġett tax-Xatt tal-Kalkara u t-toroq tal-madwar ser ikun lest sal-aħħar ta' Diċembru 2023 u minkejja li wasalna fl-aħħar ta' Jannar tas-sena 2024 u dan il-proġett għadu lura milli jkun lest, jista' l-Ministru jgħid:
a. x'fadal isir f'dan il-proġett sabiex ikun kompletament lest?
b. meta dan il-proġett ser ikun kompletament lest?

08/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 212
28/02/2024

**XATT TAL-KALKARA – PROĠETT**

**16305. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15499 u 15817 li oriġinarjament saru lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi u lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u ċjoè: Minkejja d-diversi wegħdiet tal-Gvern li l-proġett tax-Xatt tal-Kalkara u t-toroq tal-madwar ser ikun lest sal-aħħar ta' Diċembru 2023 u minkejja li wasalna fl-aħħar ta' Jannar tas-sena 2024 u dan il-proġett għadu lura milli jkun lest, tista' l-Ministru tgħid:
a. x'fadal isir f'dan il-proġett sabiex ikun kompletament lest?
b. meta dan il-proġett ser ikun kompletament lest?

08/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 16007, li hija l-istess mistoqsija.
Seduta 212
28/02/2024

**PARKEĠĠ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ – APPLIKAZZJONI TA' INDIVIDWU**

**16377. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Peress li l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, ilu disa' xhur li applika għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, jista' l-Ministru jara fiex waslet din l-applikazzjoni?

14/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li peress li għaddejjin diskussjonijiet bejn Transport Malta u l-Aġenzija Sapport sabiex ikunu aġġornati l-policies dwar il-kriterji li għandhom jitqiesu biex persuna jkollha parkeġġ riservat personalizzat, l-applikazzjonijiet ser ikunu qedin jiġu ikkunsidrati abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet.
Seduta 212
28/02/2024

**MEDIĊINA THALIDOMIDE – KUMPENS GĦALL-VITTMI**

**16380. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista’ l-Ministru tgħid kemm-il applikazzjoni ġiet sottomessa għall-kumpens lill-vittmi tat-Thalidomide? Kemm-il applikazzjoni ġiet approvata u kemm ser ikun il-kumpens għal kull waħda minn dawn l-applikazzjonijiet? Meta ser ikun qed isir il-ħlas ta' dan il-kumpens? Tista' tgħid ukoll jekk iż-żmien li fih wieħed seta' japplika għal dan il-kumpens għalaqx u jekk iva, tista' tgħid jekk hemmx ħsieb li dawn l-applikazzjonijiet jerġgħu jinfetħu?

14/02/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li wara li f’Novembru 2021 il-Ministeru għall-Inklużjoni kien ħareġ sejħa pubblika għal kull min potenzjalment seta’ sofra xi diżabilità kawża tat-teħid tal-mediċina Thalidomide mill-omm, 38 persuna avviċinaw il-Ministeru bid-dettalji tagħhom. Wara li kull persuna tat il-kunsens tagħha biex il-bord mediku jkun jista’ jaċċessa r-rekords mediċi rispettivi, saru l-pre-assessments u eventwalment l-eżamijiet mediċi. Min-numru tal-applikanti, s’issa 25 persuna kienu konfermati li d-diżabilità li għandhom għandha rabta diretta mat-teħid tal-pillola Thalidomide.

Il-kumpens li se jkun wieħed ex-gratia se jkun ibbażat fuq formula maqbula mill-kabinett li tieħu inkonsiderazzjoni fost l-oħrajn il-persentaġġ tad-diżabilità u l-età tal-persuna. L-ammonti relattivi ta’ kumpens bħalissa qed jinħadmu.

Il-perjodu tal-applikazzjonijiet issa huwa magħluq.

Seduta 212
28/02/2024

**SENSORY INTEGRATION THERAPY CENTRE – SERVIZZ TA’ FEEDING**

**16381. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta ġie sospiż is-servizz ta’ feeding fis-Sensory Integration Therapy Centre (SITC)? Jista' jgħid jekk dan is-servizz ġiex sospiż minħabba nuqqas ta' provvisti? Jekk iva, liema kienu dawn il-provvisti? Jista' jgħid ukoll jekk dan is-servizz reġax beda’ jingħata? Jekk iva, meta? Jekk le, meta hu ppjanat li dan is-servizz jerġa’ jibda jingħata?

14/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li s-servizz ta’ Feeding fis-Sensory Integration Therapy Centre ġie sospiż fit-12 ta’ Frar. Dan is-servizz tkompla mit-23 ta’ Frar 2024.

Seduta 212
28/02/2024

**MEDIĊINI ARIPIPRAZOL U CIRCADIN**

**16382. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-mediċini Aripiprazol (mistura jew pilloli) u Circadin humiex inklużi fil-formularju tal-Gvern? Jekk le, jista' jgħid għaliex dawn il-mediċini m’humiex inklużi fil-formularju? Jista' jikkonsidra li dawn il-mediċini jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern?

14/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-mediċina Aripiprazol ser tidħol fil-formularju iktar tard din is-sena għall-kundizzjoni skont lis-skeda ħamsa. Il-mediċina Circadin mhiex fil-formularju, pero hemm proċess kif il-mediċini jidħlu fil-formularju.

Seduta 212
28/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DIRECT ORDERS**

**16402. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Jannar 2024?

14/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta’ Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.
Intant nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15430.

Seduta 212
28/02/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DIRECT ORDERS**

**16403. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000, li ngħataw mill-Ministeru tagħha, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Jannar 2024?

14/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta’ Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations. Intant nirreferih għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15431.

Seduta 212
28/02/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - DIRECT ORDERS**

**16404. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Jannar 2024?

14/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta’ Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Intant nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15432.

Seduta 212
28/02/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS**

**16405. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Jannar 2024?

14/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.
Intant nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15840.

Seduta 212
28/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DIRECT ORDERS**

**16406. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Jannar 2024?

14/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.
Intant nirrefi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15434.

Seduta 212
28/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DIRECT ORDERS**

**16407. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Jannar 2024?

14/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Intant nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15435.

Seduta 212
28/02/2024

**CDAU – SERVIZZ TA' NEURODEVELOPMENTAL PAEDIATRICIAN**

**16421. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14965 rigward is-servizzi offruti miċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx lista ta' stennija għas-servizz ta' Neurodevelopmental Paediatrician? Jekk iva, jista' jgħid kemm-il tifel jew tifla qegħdin fuq din il-lista biex jibdew jingħataw dan is-servizz? Meta jiġi kkonfermat li tifel jew tifla jkollhom bżonn dan is-servizz, kemm idumu jistennew biex jingħataw dan is-servizz għall-ewwel darba?

15/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li m'hemm l-ebda lista ta' stennija biex jaraw it-tfal in-Neurodevelopmental Paediatricians. Ir-riferrals ġodda jingħataw is-sevizz ta' dawn il-pedjatri fi ftit ġranet wara li jiġu referuti.

Seduta 212
28/02/2024

**CDAU – SERVIZZ TA' FIŻJOTERAPIJA**

**16422. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14965 rigward is-servizzi offruti miċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx lista ta' stennija għas-servizz ta' fiżjoterapija? Jekk iva, jista' jgħid kemm-il tifel jew tifla qegħdin fuq din il-lista biex jibdew jingħataw dan is-servizz? Meta jiġi kkonfermat li tifel jew tifla jkollhom bżonn dan is-servizz, kemm idumu jistennew biex jingħataw dan is-servizz għall-ewwel darba?

15/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li s-servizz tal-Fiżjoterapija m'għandux listi ta' stennija u kull każ ġdid jiġi ikkuntatjat u jirċievi appuntament fl-ewwel 15-il ġurnata ta' xogħol kif imniżżel fil-linji gwida tax-xogħol tagħna.

Seduta 212
28/02/2024

**CDAU – SERVIZZ TA' OCCUPATIONAL THERAPY**

**16423. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14965 rigward is-servizzi offruti miċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx lista ta' stennija għas-servizz ta' occupational therapy? Jekk iva, jista' jgħid kemm-il tifel jew tifla qegħdin fuq din il-lista biex jibdew jingħataw dan is-servizz? Meta jiġi kkonfermat li tifel jew tifla jkollhom bżonn dan is-servizz, kemm idumu jistennew biex jingħataw dan is-servizz għall-ewwel darba?

15/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li s-servizz tal-Occupational Therapy ġewwa s-CDAU għandu 50 każ ġdid fuq il-lista ta' stennija. Dawn idumu madwar 6 sa 8 ġimgħat biex jibdew is-servizz.
Is-servizz għandu wkoll 43 każ ta' re-referrals qed jistennew appuntament. Dawn huma tfal li diġa kienu jużaw is-servizz u waqqfu jattendu jew ma kellhomx iżjed bżonn is-servizz.

Seduta 212
28/02/2024

**CASH REBATES – LINJI GWIDA ĠODDA**

**16509. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, kopja tal-linji gwida l-ġodda tal-cash rebates?

19/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija pubblika fuq https://screenmalta.com/cash-rebates/. Qed inqiegħed kopja tad-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 212
28/02/2024

**CASH REBATES – CAPPING**

**16510. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jkun hemm capping fuq il-cash rebate biex ma jerġax ikollna film barrani li jieħu somma enormi lura waħdu f'cash rebates?

19/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16509.

Seduta 212
28/02/2024

**STRATEĠIJA TAL-FILMS**

**16511. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid meta se toħroġ l-istrateġija tal-films ġewwa pajjiżna u meta se toħroġ xi forma ta' konsultazzjoni pubblika dwar dan?

19/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsultazzjoni ilha għaddejja mill-2019. Id-dokument finali qed jiġi ffinalizzat biex jiġi ippubblikat għal aħħar konsultazzjoni li huwa maħsub li ssir lejn nofs is-sena.

Seduta 212
28/02/2024

**FILMS TA' PRODUTTURI MALTIN - PROMOZZJONI**

**16512. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kif ser jibda jippromwovi films ta' produtturi Maltin u li ġew iffilmjati f'pajjiżna biex jiġu esibiti fuq l-istazzjon nazzjonali ta' pajjiżna u b'hekk ikunu jistgħu jitgawdew mill-poplu Malti u Għawdxi?

19/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Malta Film Commission diġa' kellha diskussjonijiet mal-Malta Producers Association (MPA) dwar din it-tema f'laqgħa li saret fl-14 ta' Frar 2024. Filwaqt li nfakkar lill-Onorevoli Interpellant li l-produzzjonijiet Maltin igawdu minn cash rebate ta' massimu ta' 50%, nitlobha tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 212
28/02/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - PROMOZZJONIJIET**

**16513. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid:

- kemm hemm ħaddiema li ngħataw aktar minn promozzjoni waħda inkluż career progression minn Jannar 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, awtoritajiet jew fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li hu responsabbli għalih;
- fejn kienu/qegħdin iservu dawn il-ħaddiema, il-kariga/grad li kienu/qegħdin jokkupaw, id-dati ta' meta ġew promossi u/jew ħadu l-career progression, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ); u
- kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom u kemm kienu ż-żidiet fil-paga b'mod monetarju minn skala għal oħra? X'kienet id-data tal-ingaġġ minn meta bdew mal-istess Ministeru, entità jew awtorità u anke jekk biddlux l-awtorità, entità jew Ministeru meta saru l-promozzjonijiet u/jew career progression?

19/02/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta, li ninsab nfurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, class agreements, u anke l-collective agreements tal-General Service Grades, liema agreements jinħarġu ma' kull sejħa interna/esterna li toħroġ. Is-sejħiet huma dawk standard li jinkitbu u jiġu miftehma ċentralment.

Seduta 212
28/02/2024

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR - PROMOZZJONIJIET**

**16514. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-konsumatur jgħid:

- kemm hemm ħaddiema li ngħataw aktar minn promozzjoni waħda inkluż career progression minn Jannar 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fil-Ministeru, awtoritajiet jew fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li hu responsabbli għalih;
- fejn kienu/qegħdin iservu dawn il-ħaddiema, il-kariga/grad li kienu/qegħdin jokkupaw, id-dati ta' meta ġew promossi u/jew ħadu l-career progression, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ); u
- kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom u kemm kienu ż-żidiet fil-paga b'mod monetarju minn skala għal oħra? X'kienet id-data tal-ingaġġ minn meta bdew mal-istess Ministeru, entità jew awtorità u anke jekk biddlux l-awtorità, entità jew Ministeru meta saru l-promozzjonijiet u/jew career progression?

19/02/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, class agreements, u anke l-collective agreements tal-General Service Grades, liema agreements jinħarġu ma' kull sejħa interna/esterna li toħroġ. Is-sejħiet huma dawk standard li jinkitbu u jiġu miftehma ċentralment.

Seduta 212
28/02/2024

**IS-SWIEQI – ARTIJIET TAL-GVERN**

**16549. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16013 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u jgħid kemm hemm artijiet tal-Gvern fis-Swieqi?

20/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex tiċċara dak li qed jintalab fil-mistoqsija.

Seduta 212
28/02/2024

**IS-SWIEQI – SPAZJI PUBBLIĊI**

**16550. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16014 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u jgħid kemm hemm spazji pubbliċi fis-Swieqi?

20/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi li stante l-fatt li t-terminu "spazji pubbliċi" huwa wiesa' ħafna u jista' jirreferi għall-diversi kategoriji, ikun aktar għaqli li jiġi speċifikat liema spazji pubbliċi jridu jkunu ikkwantifikati.

Seduta 212
28/02/2024

**SANTA LUĊIJA – TRIQ IL-ĠNIEN – XOGĦLIJIET FUQ BLOKK TA' APPARTAMENTI**

**16561. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid f'liema blokok tal-Gvern fi Triq il-Ġnien f'Santa Luċija ser jiġu rranġati l-intercoms mingħajr spejjeż għar-residenti? X'manutenzjoni ser issir jew biħsiebha ssir fuq barra, peress li qed jiġu kkaġunati ħsarat fuq ġewwa minħabba li qegħdin fi stat ħażin ħafna? Peress hemm ħafna bibien ma jingħalqux, mhux biss minħabba l-intercom imma wkoll minħabba s-serratura, jistgħu jsiru installazzjonijiet mill-ġdid tal-bibien ta' barra fejn hemm bżonn, biex tittejjeb is-sigurtà?

20/02/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċedura sabiex isiru tiswijiet fil-komun hija li wieħed mill-inkwilini jirreġistra rapport permezz ta' telefonata lill-Customer Care tal- Awtorità tad-Djar. Fil-preżent ma hemm l-ebda talba pendenti mir-residenti tal-blokok imsemmija.

Seduta 212
28/02/2024

**GĦAJNUNA LIL GAZZETTI**

**16562. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il darba ngħatat għajnuna lill-gazzetti stampati tul dawn l-aħħar sentejn, liema għajnuna kienet intenzjonata biex tagħmel tajjeb għaż-żieda fil-prezz tal-karta fis-suq internazzjonali? Jista' jgħid ukoll għaliex il-gazzetta li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament u li hija l-eqdem gazzetta f'Malta, (l-ewwel edizzjoni ħarġet f'Settembru tal-1928) li fuq skala nazzjonali għandha udjenza akbar minn uħud mill-gazzetti li ħadu l-għajnuna, qatt ma gawdiet minn dawn l-għotjiet?

20/02/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6650.

Seduta 212
28/02/2024

**LESA - KUNTRATTI TA' KAROZZI TAL-KIRI**

**16665. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'kuntratti ta' karozzi tal-kiri għandha fis-seħħ il-LESA, u f'kull każ jgħid jekk il-kuntratt ingħatax b'tender, direct order, jew talba għal kwotazzjonijiet? Jista' f'kull każ jgħid ukoll meta beda dan il-kuntratt u meta jiskadi? Jista' f'kull każ jgħid ukoll għal kemm-il karozza hu l-kuntratt u kemm jiswa?

23/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bħalissa hemm vetturi mikrija għal użu tal-LESA mingħand żewġ kumpaniji differenti wara ħruġ ta' tender. L-informazzjoni mitluba mil-Onor. Interpellant, qiegħda fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| **Contract Date** | **Expiry Date** | **Contract Amount Exclusive VAT** | **Amount of Vehicles** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 26/12/2018 | 26/12/2023 + possible extension till 26/12/2024 | (Eur 12 per day) | 6 |
| 06/04/2022 | 06/04/2025 + possible extension till 06/04/2026 | (Autom. – Eur 5/day)<br>(Manual (Eur 4/day) | 26 (additional 2 vehicles through repetitive % modification clause) |

Seduta 212
28/02/2024

**KORP TAL-PULIZIJA - KUNTRATTI TA' KAROZZI TAL-KIRI**

**16666. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'kuntratti ta' karozzi tal-kiri għandu fis-seħħ il-Korp tal-Pulizija, u f'kull każ jgħid jekk il-kuntratt ingħatax b'tender, direct order, jew talba għal kwotazzjonijiet? Jista' f'kull każ jgħid ukoll meta beda dan il-kuntratt u meta jiskadi? Jista' f'kull każ jgħid ukoll għal kemm-il karozza hu l-kuntratt u kemm jiswa?

23/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bħalissa hemm seba' vetturi mikrija għal uzu tal-Pulizija, mingħand tlett kumpaniji, differenti wara li saret talba tal-kwotazzjoni. Erbgħa nkrew minn April 2023 u l-kirja ser tiġi riveduta f'April li ġej. Tlieta oħra nkrew f'Lulju 2020 u l-kirja ser tiġi riveduta f' Marzu li ġej. Il-valur għal kiri ta' vetturi huwa kif jidher fit-tabella hawn taħt. Mhux possibli li aktar dettalji jingħataw minħabba n-natura tax-xogħol li għalih jintużaw dawn il-vetturi.

| Numru ta' karozzi mikrija | Kemm jiswa |
|---|---|
| 1 | €12 kuljum |
| 3 | €10 kuljum kull waħda |
| 2 | €16.45 kuljum kull waħda |
| 1 | €11.49 kuljum |

Seduta 212
28/02/2024

**TRANSPORT MALTA - KUNTRATTI TA' KAROZZI TAL-KIRI**

**16667. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'kuntratti ta' karozzi tal-kiri għandha fis-seħħ Transport Malta, u f'kull każ jgħid jekk il-kuntratt ingħatax b'tender, direct order, jew talba għal kwotazzjonijiet? Jista' f'kull każ jgħid ukoll meta beda dan il-kuntratt u meta jiskadi? Jista' f'kull każ jgħid ukoll għal kemm-il karozza hu l-kuntratt u kemm jiswa?

23/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 212
28/02/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - KUNTRATTI TA' KAROZZI TAL-KIRI**

**16668. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'kuntratti ta' karozzi tal-kiri għandu fis-seħħ l-Uffiċċju tiegħu u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, u f'kull każ jgħid jekk il-kuntratt ingħatax b'tender, direct order, jew talba għal kwotazzjonijiet? Jista' f'kull każ jgħid ukoll meta beda dan il-kuntratt u meta jiskadi? Jista' f'kull każ jgħid ukoll għal kemm-il karozza hu l-kuntratt u kemm jiswa?

23/02/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub qed jinġabar.

Seduta 212
28/02/2024

**RAĦAL ĠDID - ĠNIEN TONY BEZZINA - PJAN**

**16669. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Artist's Impression finalizzata u l-pjanti ta' Ġnien Tony Bezzina f'Raħal Ġdid, inkluż l-iskatepark li qed ikun pjanat fih?

23/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba hekk kif ippreżentati lili mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid.

Seduta 212
28/02/2024